CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 52

L- Erbgħa, 10 ta' Mejju 2017

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fi 3pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Camille Scerri - Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa.

**52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

52.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara ittra ta' apoloġija ta' Camille Scerri u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

52.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal- Ħamsin u Wieħed u Ħamsin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

52.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

52.3.1 Is- Sindku ressaq talba tal-kumpanija On Site Malta biex tittella' attivita' nhar il-Ġimgħa 28 ta'Settembru 2017 fil-pjazzez li jnsabu ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qed jitlob bħala spejjez amministrattivi is-somma ta' € 1500.

52.3.2 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li s- Segretarju Ezekuttiv rċieva ċirkulari mingħand id- DLG fejn, il-Kunsilli qed jintalbu li jirregolarizzaw ruħhom mad- Dipartiment tat- Taxxa fir-rigward tal-bollol tas-Sigurta Soċjali. Is- SE infurma li għad baqa' xi pendenzi għas-sena 2014 u 2015. Il-Kunsill talab lis- SE biex jara x'hemm pendenti u jsir xi forma ta' ftehim mad- Dipartiment biex dawn jitħallsu fuq medda ta'xhur.

52.3.3 Is- Sindku rċieva emajl mingħand is- Surgent ta' l-Ghassa tar-Rabat sabiex tittieħed azzjoni mmedjata mill-Kunsilli ta' l- Mdina, Rabat u Mtarfa fir-rigward taċ-cint ta' fuq il-pont, triq l-Istazzjon.Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mal-Kunsilli konċernati f'dan ir-rigward.

52.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-KNPD qed ikomplu jinsistu li ssir rampa fuq is-Sur meta aħna bħala Kunsill konna nfurmajnihom li filwaqt li ma nsibux oġġezzjoni li din issir, bħala Kunsill ma aħniex f'posizzjoni finanzjarja li din issir u għandhom ikunu l-awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali li jagħmlu dan kif fil-fatt kien sar mir- RestorationUnit meta kienu ssottomettew applikazzjoni mal-MEPA imma din ġiet rrifjutata fl-2010.

52.3.5 Il-Sindku f'isem il-Kunsill xtaq jirringrazzja lis- Sur Clifford Galea Vella talli aċċetta li jkun il-Kuratur tal-Casino Notabile u ser jieħu ħsieb li jittellgħu attivitajiet kulturali u edukattivi.

52.3.6 Is- Sindku f'isem il-Kunsill xtaq jirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom speċjalment lill-istaff tal-Kunsill li mingħajr l-għajnuna tagħhom dan l-avveniment ma setax ikun ta' suċċess kbir.

.

**52.4 Ħatra ta' Bord ta' Evalwazzjoni: Tender MLC 01/2017**

52.4.1 Is- Segretarju Ezekuttiv infurma lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2017 ser tinħareġ is-sejħa għall-offerti għal gbir tal-borza s-sewda u skart organiku u f'dan ir-rigward talab li għandu jinħatar bord ta' evalwazzjoni.

**53.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

53.5.1 Ma kien hemm ebda mistoqsijiet min naħa tal-Kunsilliera

**53.6 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

53.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib iddata tal-10 ta’ Mejju 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 27,055.59

53.6.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsilliera Maryann Sultana li kien issekondat mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant. Il-Kunsil unanimament approva li jsiru l- ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miz- żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**53.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

53.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 14 ta’ Ġunju 2017 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data: 14-06-2017_______